# GRUPP TA' KUNTATT TAD-DIRETTURI

L-EWWEL EDIZZJONI (4 ta' Ġunju 2014)

## LISTA TA' KONTROLL GĦAT-TFITTIX TA' KONSULENT TAJJEB


**I.** **Ħidma ta' preparazzjoni interna**

**II.** **Kriterji personali ta' konsulent**

**III.** **Għarfien ta' konsulent**

**IV.** **Approċċ tal-konsulent biex isolvi l-problema tiegħek**

**V.** **Appoġġ offrut**

**VI.** **Infrastruttura ta' konsulent**

**VII.** **Relazzjoni kummerċjali miegħek**


### I. Ħidma ta' preparazzjoni interna

1) Iddefinixxejt b'mod ċar għaliex teħtieġ konsulent?

Is-suq tal-konsulenza huwa mimli b'offerti differenti li forsi tkun tixtieq tqabbel. Għandek tkun kapaċi tiddeċiedi x'verament teħtieġ, eż. trid li l-konsulent:

a) jagħtik parir biss dwar il-proċess tar-reġistrazzjoni;
b) jagħmel il-ħidma kollha mill-bidu sas-sottomissjoni tad-dossier finali;
c) jieħu ħsieb ċerti elementi tar-reġistrazzjoni (eż. strateġija tal-ittestjar, IUCLID);
d) iħarreġ lill-kollegi tiegħek; jew
e) jieħu ħsieb il-ħidma ta' segwitu (eż. monitoraġġ tal-valutazzjoni/proċess ta' kontroll tal-konformità u aġġornament tad-dossier jekk u meta meħtieġ)

2) Iddefinixxejt b'mod ċar l-għanijiet tiegħek fir-rigward tas-servizz estern?

Konsulent jiswa' l-flus u aktar kemm jipprovdi aktar tiġik l-ispiża. Għalhekk huwa importanti għalik li tiddefinixxi dak li l-konsulent għandu jagħtik b'mod konkret u meta. Għandu jkun ċar ukoll dak li inti ma tridx tkun involut fih aktar.

3) X'inhuma l-kontribuzzjonijiet possibbli tiegħek lejn il-kumpanija, b'mod partikolari:

a) Kompetenzi interni:
Bosta kumpaniji għandhom ħafna għarfien intern li ma jafux dwaru. Il-kollegi huma sors importanti ta' informazzjoni li ħafna drabi tmur lil hinn mill-attivitajiet tas-soltu ta' kumpanija. Ippreżentalhom il-proġett "REACH" u pprova sib x'jistgħu jikkontribwixxu.

b) Riżorsi disponibbli:
   Iddefinixxi kemm il-kollegi tiegħek jistgħu jsibu ħin għall-għanijiet tar-REACH. Skopri jekk għandekx studji jew tagħmir ta' ttestjar disponibbli, li jistgħu jintużaw.
c) Esperjenzi:
   Uża l-esperjenza eżistenti bħal mill-affarijiet regolatorji, il-ħidma ma' konsulenti jew l-ittestjar tas-sustanzi fil-kumpanija tiegħek.

4) Żgur teħtieġ konsulent?

   Xi kultant jista' jkun ta' serħan il-moħħ li jkollok konsulent imma dan ma jkunx neċessarju. Il-kollegi tiegħek jafu bl-aħjar mod il-kumpanija tiegħek u jistgħu jkunu kapaċi jwettqu ħidma jew parti mill-ħidma li għaliha inti trid konsulent. Ftakar li l-ħidma tal-konsulenti xorta tista' tkun teħtieġ segwitu tal-attivitajiet tagħhom u ċerta superviżjoni.

5) Diġà għandek esperjenza tajba ma' konsulent għal negozji oħra?

   Madankollu, kun konxju li r-REACH huwa regolament tekniku ħafna, li jeħtieġ għarfien speċifiku ħafna.

6) Għandek jew teħtieġ rakkomandazzjonijiet għal konsulent potenzjali?

   Staqsi lil kumpaniji fis-settur tiegħek, fil-katina tal-provvista jew fl-industrija tiegħek jekk jistgħux jirrakkomandaw konsulent. Eventwalment jista' anke forsi jkun hemm skemi ta' ċertifikazzjoni/kwalità għall-konsulenti tar-REACH fl-Istat Membru/reġjun tiegħek.

7) Tinsab sodisfatt bil-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi tiegħek jew trid/teħtieġ adattamenti?

   Ir-REACH jeħtieġ ħafna attenzjoni. Il-preparazzjoni ta' dossier tar-reġistrazzjoni tista' tkun l-opportunità biex tirrevedi l-operazzjonijiet ta' ġestjoni tas-sustanzi kimiċi tiegħek. Kun pront għall-possibbiltajiet li tirristruttura l-approċċ tiegħek dwar kif tiġġestixxi s-sustanzi kimiċi fil-kumpanija tiegħek. Konsulent, li normalment ikollu l-esperjenza jaħdem ma' bosta kumpaniji fis-settur tiegħek, jista' jgħinek f'dak ir-rigward.

8) Inti familjari mal-ħidma ta' segwitu wara r-reġistrazzjoni REACH?

   Ikun utli li tifhem minn qabel id-dossier jew l-evalwazzjoni tas-sustanzi wara li jiġi sottomess id-dossier tar-reġistrazzjoni. Jista' jkun meħtieġ li inti ssib mod kif l-aħjar timplimenta l-ħidma ta' segwitu fil-kumpanija tiegħek, jekk applikabbli. Dan jista' jiġi diskuss fi stadju bikri mal-konsulent u tista' tirreferi wkoll għad-dokumenti ta' gwida tal-ECHA għal aktar informazzjoni dwar id-diversi proċessi regolatorji (http://echa.europa.eu/mt/guidance-documents/guidance-on-reach).

9) Ipprevedejt riżorsi biżżejjed għall-ħidma ta' segwitu?

   Il-proċessi ta' segwitu wara s-sottomissjoni tad-dossier jistgħu jeħtieġu monitoraġġ u ħidma addizzjonali. Għalhekk, tista' tikkunsidra l-appoġġ ta' konsulent f'dak ir-rigward, eż. jista' jkun li t-taħriġ dwar l-evalwazzjoni/il-kontroll tal-konformità tad-dossier jitqies suffiċjenti jekk tiddeċiedi li ma tridx li l-konsulent isegwi wkoll dik il-ħidma wara r-reġistrazzjoni.

10) Teħtieġ konsulent għall-ħidma ta' segwitu?

Konsulent jista' jieħu ħsieb il-ħidma ta' segwitu u jippermettilek tikkonċentra fuq l-attivitajiet l-oħra tiegħek. Madankollu, għandek tikkunsidra jekk dan hux meħtieġ peress li dan iwassal għal kuntratt aktar estensiv. Ikkunsidra li tagħlaq il-kuntratt fi stadji biex tkippermetti ċerta flessibbiltà abbażi tal-ħtiġijiet tiegħek meta jinqalgħu.

## II. Kriterji personali ta' konsulent

1) Sfond xieraq ta' konsulent potenzjali, eż.:

   a. Edukazzjoni u diplomi:
      Ir-REACH jeħtieġ firxa wiesgħa ta' kompetenza biex jiġi żgurat li dossier jissodisfa r-rekwiżiti legali kollha. Ikun jagħmel sens li l-konsulent tiegħek ikollu sfond kimiku, tossikoloġiku, legali u ekonomiku b'saħħtu jew ikollu aċċess għal tali kompetenza.
   b. Esperjenza professjonali:
      Kwistjonijiet multidixxiplinari kumplessi bħal reġistrazzjoni tar-REACH jeħtieġu esperjenza professjonali stabbilita biex dossier jiġi ppjanat u ffinalizzat b'mod effiċjenti. Il-konsulent għandu jkollu biżżejjed esperjenza professjonali rilevanti.
      Esperjenza, preferibbilment fis-settur speċifiku tiegħek:
      Konsulent b'esperjenza fis-settur speċifiku tiegħek jew fit-tip ta' prodotti tiegħek probabbilment jifhem aktar malajr il-problema speċifika tiegħek, bħall-katina tal-provvista tiegħek, id-diffikultajiet relatati mal-ittestjar tas-sustanzi tiegħek, l-esponiment u l-użu, kif ukoll l-identifikazzjoni tas-sustanzi.
   c. Għarfien tal-għodod disponibbli fuq is-suq:
      F'każ li tkun teħtieġ valutazzjoni sħiħa tal-esponiment u r-riskju biex tgħaddi mill-proċess sħiħ ta' stabbiliment ta' Rapport dwar is-Sigurtà Kimika, l-esperjenza professjonali għandha tinkludi għarfien tajjeb tal-għodod rispettivi disponibbli fuq is-suq.

2) Storja professjonali konklussiva, eż. ebda diskrepanzi

   L-esperjenza turi li konsulenti stabbiliti fil-qasam tas-sustanzi kimiċi normalment jaħdmu tajjeb. Għalkemm konsulenti aktar ġodda jistgħu joffru wkoll riżultati komparabbli. Fi kwalunkwe każ, kun kritiku meta jkollok l-impressjoni li konsulent għandu għarfien limitat dwar ir-REACH.

3) Reputazzjoni tajba, speċjalment fis-settur tiegħek

   Staqsi lil kumpaniji oħra fis-settur tiegħek jew fil-katina tal-provvista dwar l-esperjenza tagħhom. Reputazzjoni tajba hija dejjem indikatur tajjeb għal servizz tajjeb.

4) Membru ta' assoċjazzjoni settorjali rilevanti

Il-konsulenti li jkunu membri ta' assoċjazzjoni differenti, spiss ikunu suġġetti għal evalwazzjoni kritika mill-assoċjazzjoni tagħhom. Jekk dan ikun il-każ, għandek issib informazzjoni relatata fil-materjal tal-preżentazzjoni tal-konsulent jew għand l-assoċjazzjoni. Ċerti assoċjazzjonijiet żviluppaw standards u/jew ċertifikazzjonijiet ta' kwalità.

5) Il-konsulent jiddedika biżżejjed ħin biex jifhem is-sitwazzjoni speċifika tiegħek?

L-ebda każ mhu bħall-ieħor. Fl-ewwel laqgħa tiegħek il-konsulent għandu jiddedika biżżejjed ħin biex jisma' l-każ speċifiku tiegħek. Taċċettax laqgħa qasira u superfiċjali.

6) Il-konsulent huwa miftuħ u flessibbli għall-interventi/ideat tiegħek?

Inti qed titkellem dwar il-problema speċifika tiegħek mal-konsulent tiegħek u inti l-persuna li taf l-aktar dwar il-kumpanija tiegħek. Il-konsulent għandu jkun miftuħ u kostruttiv għall-interventi u l-ideat tiegħek u għandu jkun lest li jiddiskuti u jiddeċiedi b'mod konġunt l-aħjar triq 'il quddiem.

7) Il-konsulent kapaċi jesprimi ruħu b'mod li inti tifhmu?

Ir-REACH hija leġiżlazzjoni kumplessa b'diversi aspetti li jridu jiġu kkunsidrati (eż. legali, kimiċi, ekonomiċi, ġestjoni tar-riskju eċċ.). Konsulent għandu jkunu kapaċi jispjegalek l-ideat u s-suġġerimenti tiegħu b'mod li jinftiehem u li jippermettilek tieħu deċiżjoni infurmata.

8) Il-konsulent huwa kapaċi jiggwidak b'mod effiċjenti?

Inti jista' ma jkollokx fehim suffiċjenti tar-rekwiżiti tar-REACH. Il-konsulent qiegħed hemm biex jikkoreġi l-iżbalji tiegħek u jissuġġerixxi soluzzjonijiet aħjar. Inkella għaliex tħallas għas-servizz?

9) Taf b'xi klijenti u setturi oħra li l-konsulent huwa attiv fihom?

Jista' jkun utli li tkun konxju ta' attivitajiet oħra tal-konsulent tiegħek fis-settur tiegħek jew ta' kumpaniji li jistgħu jkunu f'pożizzjoni simili bħalek. Staqsi lill-konsulent tiegħek dwar proġetti oħra attwali u tal-passat.

10) Tinsab konvint bil-feedback tar-referenzi?

Normalment il-konsulenti jippreżentaw referenzi. Għandek tħossok komdu bil-feedback tagħhom. Tista' tikkunsidra wkoll li tikkuntattja ċerti referenzi direttament.

11) Tħossok komdu bil-konsulent?

Inti se taħdem mal-konsulent b'mod intensiv fix-xahar/xhur li ġej/jin. L-impressjoni personali tiegħek u ta' wieħed mill-kollegi tiegħek tagħmel differenza.

12) Għandu jkollok dubji?

Ikkunsidra li offerta rħisa minn konsulent mhux neċessarjament dejjem tkun l-aħjar waħda. Il-ħidma ta' konsulenza dejjem se teħtieġ sforzi. Jeħtieġ li toqgħod attent minn konsulenti li joffru s-servizzi tagħhom bi skont.

## III. Għarfien ta' konsulent

1) Il-konsulent għandu esperjenza prattika fis-settur u fis-suq speċifiku tiegħek u fl-ambjent tan-negozju tiegħek?

Li tistaqsi mistoqsijiet u għal referenzi jista' jkun utli. Ikun importanti li l-konsulent jifhem is-suq speċifiku tiegħek u idealment ikollu anke esperjenza tiegħu. Ipprova ifhem x'jista' jwettaq għalik il-konsulent tiegħek. Tippermettix li l-mistoqsijiet tiegħek jew tal-kollegi tiegħek jibqgħu bla tweġiba.

2) Il-konsulent kapaċi jammetti x'inhuma l-limiti professjonali tiegħu u min jista' jkun espert alternattiv biex ikopri oqsma addizzjonali?

Ħadd ma jaf kollox. Madankollu, huwa importanti li l-konsulent tiegħek ikollu aċċess għar-riżorsi kollha neċessarji biex iwettaq ir-reġistrazzjoni tiegħek. Għandek tkun konxju minn dak li l-konsulent tiegħek jista' jwettaq waħdu u dak li għandu jiġi esternalizzat. Għandek tikkunsidra wkoll li esternalizzazzjoni żejda tista' tikkomprometti l-iskeda taż-żmien; f'dak ir-rigward il-konsulent tiegħek għandu jkollu "pjan B".

## IV. Approċċ tal-konsulent biex isolvi l-problema tiegħek

1) Tħossok komdu bl-approċċ/metodu tiegħu għall-analiżi u t-tiftix ta' soluzzjoni għall-problemi?

Għal darb'oħra dan huwa aspett personali. Din hija l-kumpanija tiegħek u għalhekk inti u l-kollegi tiegħek għandkom tħossukom komdi bis-servizz li joffrilkom il-konsulent.

2) Il-konsulent jiddedika ħin biex jifhem il-problema, qabel ma jissuġġerixxi soluzzjonijiet?

Li wieħed jisma' huwa kruċjali biex problema tinftiehem u tissolva. Normalment l-ebda konsulent ma jkun jaf il-kumpanija tiegħek fl-ewwel laqgħa. Dan ifisser li għandek tkun inti li tippreżenta s-sitwazzjoni speċifika tiegħek u x'teħtieġ. Attent li ma tkunx "sfurzat" tixtri servizz minn konsulent li jaf ibigħ - "servizzi minn fuq l-ixkaffa" jistgħu ma jkunux xierqa għalik.

3) Il-konsulent jittratta l-problemi b'mod wiesa' u mhux iżolat?

Ir-REACH joffri ħafna soluzzjonijiet għall-istess problema. Pereżempju, tista' twettaq ittestjar jew tista' tuża metodi alternattivi (eż. read across). L-ewwel wieħed huwa aktar preċiż, it-tieni jiswa anqas flus, jekk aċċettat. Id-diskussjonijiet fis-SIEF għandhom rwol kruċjali f'din il-kwistjoni wkoll. Hija biss l-evalwazzjoni ta' każ b'każ li tista' tiddikjara x'inhi l-aħjar triq 'il quddiem.

Xi kultant jista' jagħmel sens ukoll ekonomikament li ma tkoprix l-użijiet kollha li koprejt s'issa. Dak li forsi huwa tajjeb għal kompetitur tiegħek li jimmanifatura l-istess sustanza jista' ma jkunx sostenibbli għalik. Dawn iż-żewġ eżempji diġà juru li m'hemm l-ebda soluzzjoni standard. Għaldaqstant, huwa importanti ħafna li l-konsulent tiegħek jevalwa s-sitwazzjoni tiegħek b'mod kemm jista' jkun wiesa' u jipprova jsib l-aktar soluzzjoni xierqa għalik.

Jekk il-konsulent tiegħek jagħtik parir li tipproċedi mhux f'sottomissjoni konġunta, għandu jkun ċar li hija possibbli biss esklużjoni fakultattiva parzjali ta' ċerta informazzjoni. Anke f'dak il-każ, il-konsulent għandu jipprovdilek ġustifikazzjoni xierqa għall-esklużjoni fakultattiva parzjali u jassigurak minn aċċess leġittimu għad-dejta li konsegwentement tkun teħtieġ.

4) Il-konsulent joffrilek soluzzjoni individwali u mhux prodott standard? Jekk huwa prodott standard, dan huwa xieraq għalik?

Soluzzjonijiet standard jistgħu jaħdmu għal ċerti każijiet u normalment ikunu orħos imma kif diskuss qabel, ir-REACH huwa kumpless u kull każ għandu jiġi evalwat b'attenzjoni fuq bażi individwali.

5) Il-konsulent qed jirrikorri għal soluzzjonijiet sostenibbli?

Li jkollok dossier lest hija ħaġa tajba. Madankollu, għandek toqgħod attent li d-dejta tkopri r-rekwiżiti stabbiliti mir-REACH. Pereżempju l-kwalità tad-dejta tat-test għandha tkun suffiċjenti, l-identità tas-sustanza tiegħek u d-dejta tat-test xierqa għandhom ikunu ppreżentati b'mod ċar, u l-esponiment u l-użijiet tiegħek għandhom ikunu realistiċi. Il-konsulent tal-għażla tiegħek għandu jkun kapaċi jikkunsidra dawn l-aspetti u jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek. Kun kritiku jekk jiġu proposti eżenzjonijiet għal kull punt ta' tmiem.

## V. Appoġġ offrut

1) Il-konsulent għandu kapaċità biżżejjed biex jagħtik appoġġ bil-mod li tixtieq inti?

Aktar kemm il-konsulent tiegħek ikollu impjegati, aktar jistgħu jiġu ddedikati għalik riżorsi, jekk neċessarju. Wara li tiddefinixxi xi trid u sa liema punt, għandek tistaqsi lill-konsulent tiegħek għall-aċċertament tar-riżorsi ppjanati għalik.

2) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-ħidma huwa ċar għat-tnejn li intom?

Iddiskutu r-responsabbiltajiet:

- għall-analiżi tas-sitwazzjoni f'kumpanija u l-obbligi possibbli
- għall-ġestjoni u l-entrati tad-dejta tal-għodod tal-IT, bħal IUCLID u Chesar
- għan-negozjar u l-amministrazzjoni tas-SIEF/Konsorzji

3) <u>F’każ ta’ emerġenza, il-konsulent ikun disponibbli wkoll mhux fil-ħinijiet tal-uffiċċju tas-soltu?</u>

   Dan jista’ jkun utli imma mhux neċessarjament vitali għall-finijiet tar-REACH. Madankollu, dan jista’ jsir rilevanti f’każ ta’ problemi tekniċi eż. problemi tal-IT waqt sottomissjoni tad-dossier tar-reġistrazzjoni.

4) <u>Waqt taħdita personali jkollok l-impressjoni li l-konsulent huwa interessat u mmotivat biex isolvi l-problema tiegħek kif xieraq?</u>

   Il-persuna responsabbli mill-proġett tiegħek fil-kumpanija ta’ konsulenza għandha tkun immotivata u interessata li taħdem fuq il-kompitu tiegħek. Jekk għandek impressjoni kuntrarja, erġa’ aħsibha.

## VI. Infrastruttura ta’ konsulent

1) <u>Tinsab sodisfatt bl-infrastruttura tal-konsulent?</u>

   Ibda billi tagħti ħarsa lejn l-uffiċċju u l-websajt tal-konsulent tiegħek. Staqsi lill-konsulent jurik il-faċilitajiet rispettivi inklużi dawk tal-fornituri ta’ servizz (eż. laboratorji tal-ittestjar), jekk applikabbli. Kun konxju li mhux ħafna kumpaniji ta’ konsulenza jkollhom kollox intern, imma għandu jkollhom aċċess/konnessjonijiet għar-riżorsi li huma meħtieġa għall-proġett tiegħek. Skont it-testijiet meħtieġa, jistgħu jintgħażlu fornituri ta’ servizz differenti (li jfisser li jkunu jistgħu jiġu stabbiliti relazzjonijiet kummerċjali ġodda ma’ laboratorji jew fornituri ta’ servizz oħra). Dan jista’ jiġi deċiż fis-SIEF, pereżempju. Staqsi lill-konsulent tiegħek għaliex l-infrastruttura hija adegwata għall-proġett partikolari tiegħek.

2) <u>Il-materjal tal-PR (eż. fuljetti, dehra tal-websajt) jikkonvinċik?</u>

   Il-fuljetti u d-dehriet tal-websajt ħafna drabi jkunu indikattivi ta’ kemm kumpanija hija professjonali. Madankollu, oqgħod attent dwar dan l-aspett, għaliex xi kultant id-dehra sabiħa tkun qed tipprova tgħatti n-nuqqasijiet professjonali.

3) <u>Tinsab sodisfatt bil-post tal-uffiċċju tal-konsulent?</u>

   Xi wħud togħġobhom diskursata personali, oħrajn le. Aħseb dwar il-preferenza tiegħek u dwar il-metodu ta’ komunikazzjoni li tippreferi.

4) <u>Tinsab sodisfatt bid-disponibbiltà (eż. telefon, posta...) offruta?</u>

   Telekomunikazzjoni flessibbli toffrilek firxa usa’ ta’ konsulenti potenzjali u wkoll suq akbar fejn tista’ ssib l-aħjar offerta għalik. Madankollu, għandek tiftiehem mal-konsulent tiegħek dwar kemm għandha tkun intensa l-komunikazzjoni tagħkom u x’inhu l-metodu ta’ komunikazzjoni li tippreferi.

5) Hemm persuna waħda tissorvelja u ssegwi l-proġett mill-bidu sal-aħħar?

   Id-deċiżjoni tiegħek dwar l-għażla ta' kumpanija ta' konsulenza tiddependi ħafna fuq l-impressjoni li kellek tal-persuna li ltqajt magħha s'issa. Kun ċert li dawk il-persuni jkunu involuti wkoll fil-proġett tiegħek. B'mod partikolari, kun ċert li tiltaqa' u titkellem mal-persuna li se tissorvelja l-proġett tiegħek.

6) Is-superviżur huwa l-persuna ta' kuntatt diretta tiegħek? Jekk le, hemm xi persuna responsabbli oħra ddefinita b'mod ċar?

   Il-persuna li tissorvelja għandha tkun il-kuntatt tiegħek. Fi kwalunkwe każ għandu jkun hemm persuna ddefinita b'mod ċar li tkun responsabbli għall-proġett tiegħek. Din il-persuna għandha tkun ukoll il-persuna ta' kuntatt tiegħek. Evita bis-sħiħ responsabbiltajiet u obbligi opaki.

7) Tafhom lill-kollegi tas-superviżur, inklużi l-ħiliet, it-taħriġ, iċ-ċertifikati eċċ. tagħhom?

   Informa ruħek dwar il-kumpanija ta' konsulenza kollha. Prova sib informazzjoni kemm tista' dwar persuni oħra involuti fil-proġett u dwar il-kontribut tagħhom. Kun ċert li l-oqsma rilevanti kollha huma koperti minn persuna konkreta. Biex jitnaqqsu l-ispejjeż dan jista' jinkludi wkoll persuni mill-kumpanija tiegħek. Idealment iltaqa' mat-tim tal-proġett kollu qabel ma taċċetta konsulent.

## VII. Relazzjoni kummerċjali miegħek

1) Imqabbla ma' oħrajn, l-offerta tal-konsulent hija l-aktar waħda xierqa għalik?

   Mhux rakkomandat li jkollok offerta waħda biss. Kun ċert li jkollok idea tajba tas-suq. Iddefinixxi eżatt x'jeħtieġ li jkollok u kemm inti lest li tħallas.

2) L-ewwel appuntament tal-analiżi huwa b'xejn?

   Stenna li jkollok l-ewwel appuntament tal-analiżi b'xejn, din hija prattika komuni.

3) L-offerta hija ċara u korretta fir-rigward tal-iskedi ta' żmien, l-għanijiet, u l-modalitajiet tal-ħidma?

   Kun preċiż dwar din il-parti mill-bidu, dan jevita nuqqasijiet ta' ftehim potenzjali aktar tard. Huwa importanti ħafna wkoll li tivvaluta dawn l-aspetti b'mod kritiku flimkien mal-konsulent. F'dan l-istadju l-iżbalji jistgħu jiġu korretti aktar faċilment.

4) Tinsab sodisfatt bl-offerta, b'mod partikolari b'aspetti bħal:

   a. Prezz tas-servizz ipprovdut:
      Qabbel il-prezzijiet tas-suq, ħu idea, u ddeċiedi x'inhu l-aħjar għalik.

b. Modalitajiet tal-ħlas:
   Evita li tħallas kollox fil-bidu. Tista' tiftiehem biex tħallas fi stadji, skont il-ħidma pprovduta sa punt partikolari. Hekk tkun sikur u l-konsulent ikollu inċentiv biex jipprovdi l-ħidma fil-ħin. Ikkunsidra penalitajiet f'każ li l-ħidma ma tiġix ipprovduta tajjeb jew fil-ħin.
c. Għażliet biex tikkanċella l-kuntratt:
   Iddefinixxi x-xenarji meta kuntratt jista' jiġi kkanċellat, eż. ċerti skadenzi ma jiġux irrispettati, l-ispejjeż isiru għoljin iżżejjed, ir-riżorsi ma jibqgħux disponibbli u l-kwalità ma tkunx ta' standard tajjeb.
d. Ftehim dwar il-baġit u dwar id-devjazzjonijiet:
   Agħmel arranġament ċar dwar kemm il-konsulent jista' juża għal kompiti differenti, eż. ittestjar, amministrazzjoni, attendenza ta' laqgħat f'ismek (SIEFs, Konsorzji). Il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għad-devjazzjonijiet għandhom jiġu miftiehma minn qabel.
e. Drittijiet mogħtija lill-kumpanija tiegħek:
   Jekk ma tingħatax responsabbiltà għall-ħidma li jwettaq il-konsulent, il-kumpanija tiegħek għandha mill-anqas tiżgura li għandha d-drittijiet kollha neċessarji biex tuża u tqassam ir-riżultati tal-ħidma tal-konsulent għall-finijiet tar-REACH.

5) <u>Il-konsulent jipprevedi monitoraġġ tal-progress tal-proġett u hemm indikaturi oġġettivi għal dan?</u>

   Ikun utli li jkollok tali indikaturi. Il-proċess isir aktar trasparenti u tkun tista' ssegwi aħjar il-progress tad-dossier tiegħek. Staqsi lill-konsulent tiegħek biex jipprovdi tali indikaturi jew agħmluhom flimkien.

6) <u>Hemm konsegwenzi għall-konsulent jekk l-għanijiet ma jintlaħqux fil-ħin jew ma jintlaħqux?</u>

   F'ċerti setturi l-penalitajiet huma komuni f'każ li l-iskadenzi jew l-għanijiet ma jiġux irrispettati.

7) <u>Tiġi implimentata miżura jekk xi ħaġa tmur ħażin?</u>

   Staqsi lill-konsulent tiegħek dwar "pjan B" u kun żgur li se jaħdem fuq il-proġett tiegħek sa ma s-sustanza tiegħek tkun legalment fis-suq.

8) <u>Inti żgur li l-konsulent mhux qed jaħdem għall-kompetituri tiegħek?</u>

   Dan mhux neċessarjament ikun importanti. Jista' jkun anke ta' benefiċċju peress li l-konsulent tiegħek jikseb aktar esperjenza dwar każ simili. Madankollu, kun ċert li ma jinkiser l-ebda obbligu ta' kunfidenzjalità (eż. żvelar ta' informazzjoni kummerċjali riservata (CBI)).

9) Inti ċert li l-konsulent se jkun diskret u mhu se tiġi kompromessa l-ebda CBI?

Il-kompetenzi huma kruċjali u jridu jiġu protetti. Kun ċert li l-konsulent tiegħek ma jgħid xejn dwar l-affarijiet li inti tikkunsidra li huma kunfidenzjali fil-kumpanija tiegħek. Dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu ddefiniti b'mod ċar fil-kuntratt ta' servizz u għandhom jinkludu penalitajiet/rimedji legali adegwati.

10) Il-kuntratt tiegħek jinkludi ħidma ta' segwitu u din hija ddefinita b'mod ċar?

Kif diġà msemmi, ir-reġistrazzjoni hija biss il-bidu ta' proċess itwal. Jekk trid li l-konsulent tiegħek jibqa' responsabbli għall-ħidma ta' segwitu, kun ċert li inti tiftiehem dwar dan fi stadju bikri. Kun ċert li inti konxju ta' kull spiża potenzjali li tista' titfaċċa aktar tard.

Jekk tiddeċiedi li tieħu f'idejk il-monitoraġġ u s-segwitu possibbli wara s-sottomissjoni tad-dossier, kun ċert li tikseb l-informazzjoni kollha neċessarja mingħand il-konsulent tiegħek biex jiġi żgurat trasferiment bla xkiel. Dan jibda pereżempju b'affarijiet sempliċi bħal usernames u passwords fir-REACH-IT u jispiċċa b'ċertifikati ta' ttestjar u dejta mhux ipproċessata għad-dossier ta' reġistrazzjoni. F'każ ta' skrinjar għall-konformità tad-dossier tiegħek, inti tista' tiġi bżonn din l-informazzjoni.